# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 6** **MEJJU, 1965**

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Meta l-ġonna jfewwħu kullimkien biż-żahar u l-fjuri tagħhom, meta l-għasafar isemmgħu l-għana l-aktar ħelu tagħhom iżjed minn kull żmien tas-sena ngħidu wasal Mejju. Hekk tgħid ukoll il-Madonna fis-sema meta wliedha l-bnedmin jgħannulha iżjed mis-soltu f'dan ix-xahar għażiż tagħha.

Hi tabilħaqq kbira d-devozzjoni li għandhom il-Maltin lejn ommna Marija u ta' min iħeġġeġ iżjed il-qlub biex din l-imħabba ma tonqosx għalkemm id-dinja tfittex li tieħu post il-Madonna.

Fil-parroċċa tagħna għandna ħafna drawwiet li jħeġġuna biex infaħħru lil Marija Omm il-Mulej feddej tagħna. Waħda li hi ħafna għal qalbna hija r-reċita tar-Rużarju ħdejn xi tieqa li nlestu f'xi waħda mit-toroq tal-Parroċċa. Min jaf il-Madonna kemm hi ferħana b'din id-drawwa sabiħa u kemm qed tistenna li bħas-soltu nerġgħu nfaħħruha fit-toroq ta' San Ġiljan?

Nixtieq ninqeda b'"Leħen il-Parroċċa" biex inħeġġeġ lil ħutna kollha biex meta jiġu l-membri tal-għaqdiet javżawkom li hemm ir-Rużarju ħdejn it-tieqa tagħkom il-ġirien kollha jfittxu li ma jonqsux li jinġabru fil-ħin biex flimkien noffru dan it-talb għall-bżonnijiet tat-triq kollha.

Il-Madonna ma tinsa qatt dak li nkunu għamilna għall-unur tagħha f'ħajjitna u l-aktar li nixtiequ li tiftakru meta tiġi tilqagħna biex tressaqna quddiem Binha għall-Ġudizzju li minnu rridu ngħaddu lkoll.

Nersqu lejn il-Madonna għax hija biss it-tama tagħna quddiem Alla.

Tkunu mberkin.

IL-KAPPILLAN.

## X'SER IKOLLNA F-MEJJU

1 ta' Mejju: San Ġużepp Ħaddiem: Mhix festa kmandata; iżda l-ħinijiet tal-quddies ikunu bħall-Ħdud.

8 ta' Mejju: Festa tal-Madonna ta' Pompej. Fil-11.30 a.m. Quddiesa u wara tingħad is-Supplika.

16 ta' Mejju: Festa ta' San Ġużepp fil-Parroċċa tagħna. Fl-4.30 p.m. Għasar, paniġirku u wara purċissjoni.
Pellegrinaġġ organizzat mix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla. Biljetti minn għand Dun Furtu.

24, 25, 26 ta' Mejju: Ġranet tar-Rogazzjonijiet* Fis-6.40 a.m. purċissjoni li fiha titkanta l-Litanija tal-Qaddisin; wara Quddiesa Kantata.

27 ta' Mejju: It-Tlugħ fis-Sema ta' Sidna Ġesù Kristu (Lapsi). Festa Kmandata.

31 ta' Mejju: Festa ta' Marija Reġina.

* *Ir-Rogazzjonijiet huma Purċissjonijiet li jsiru fit-tlitt ijiem ta' qabel il-festa ta' Lapsi. Fihom titkanta l-Litanija tal-Qaddisin u jitbierku l-uċuħ tar-raba' u l-irjieħ f'dawn iż-żmenijiet importanti għall-prodotti. Huma antiki ħafna fil-Knisja, u qabel kienu jsiru b'solennità kbira.*

## FTIT STORJA . . .

### Nru. 5 — "Il-Palazz ta' Spinola" (2)

Fra Pawl Rafel Spinola bena l-palazz flimkien mal-ġonna kbar tiegħu "għall-mogħdija taż-żmien tal-poplu". Fl-1733 ġie miżjud u mkabbar missuċċessur tiegħu, Fra Ġwann Battista Spinola, li sar it-Tieni Abbati.

Man-naħa l-oħra tat-triq ta' San Ġorġ, magħrufa bħala "Fuq it-Terrapiena", kien hemm il-fdal ta' ġnien kbir. Skond it-tradizzjoni, il-Bali' Fra Ġwann Spinola kien jorganizza teatrini fil-beraħ fuq għolja għamla ta' nofs ċirku.

Fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi f'Malta, fl-1798, truppi Franċiżi kienu miżmuma fil-palazz. Dawn għamlu ħsara kbira lill-bini. Huwa ċert li qerdu l-istemma li darba kienet issebbaħ l-arloġġ tat-torri, kif għamlu lill-istemmi kollha tal-kavalieri fi żmien il-ħakma Franċiża.

Fl-1826, il-palazz waqa' taħt l-amministrazzjoni tar-Reverendu Ġann Franġisk Debono, Kanonku tal-Kapitlu ta' l-Imdina. Il-Kanonku sewwa l-ħsarat kollha u rrestawra l-post kif kien qabel il-wasla tat-truppi Franċiżi.

Fl-1860, l-Army Ingliża f'Malta ħadet f'idejha l-palazz taħt ċens, u semmietu "Forrest Hospital" (għat-tabib prinċipali militari ta' dak iż-żmien). Wara ftit taż-żmien, l-Awtoritajiet Militari telquh minn idejhom. Iżda fil-gwerra tal-1914-1918 waqa' f'idejn ir-"Royal Army Medical Corps".

Wara l-Ewwel Gwerra Kbira, il-palazz ġie mogħti mill-R.A.M.C. lill-amministratur ċivili ta' dak iż-żmien li kien tah b'kera lil wieħed negozjant. Dan irranġa l-palazz fi "flats", u hekk għadu sal-lum.

Kif taqsam it-triq u tinżel it-taraġ faċċata tal-Palazz Spinola, hemm żewġ arkati jew kennijiet bl-arkati għad-dgħajjes, waħda fuq kull naħa tax-xatt. Il-lum, dawn il-kennjiet jinsabu fi stat ħażin u l-Kunsill Ċiviku jista' jagħmel xi ħaġa qabel ma jiġġarrfu għal kollox. Huwa maħsub li dawn il-kennijiet huma proprjetà tal-Gvern.

Ma nafux sewwa min bena dawn it-tined mastizzi u għalfejn. Huwa maħsub li ġew mibnija mill-Gran Mastru Gregor Carafa (1680-1690). Mill-fdal ta' l-iskrizzjoni bil-latin fuq ix-xriek ta' l-Arkati jidher ċar li ġew miftuħa "għall-ħtieġa tal-poplu" fi żmien Carafa.

Billi Fra Pawl Rafel Spinola u neputih, Fra Ġwann Battista Spinola, għexu fi żmien il-ħakma ta' Carafa u t-tnejn kienu baħħara qalbiena u maħbuba min-nies ta' San Ġiljan, li dejjem raw ġid mill-familja Spinola, aktarx li hu minnu li dawn iż-żewġ arkati u l-oħra 'l fuq qrib il-Knisja tal-Kunċizzjoni, li bħalhom ma hawnx Malta, kienu mogħtija bħala rigal lis-sajjieda jew mill-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann jew inkella minn neputih.

Meta t-triq ta' quddiem il-bieb ewlieni tal-Palazz Spinola li tagħti wkoll għall-arkati għad-dgħajjes kienet qed tinbena, kien hemm bħal speċi ta' ħajt ta' rinforz li jew ġie mwaqqa' jew inkella mgħotti waqt ix-xogħol. Ma' dan il-ħajt kien hemm minquxa fil-ġebel maskra li tirrappreżenta lil Baccus (alla Ruman ta' l-inbid) u li minn ħalq din il-maskra kien, darba fis-sena, fi żmien stabbilit, joħroġ inbid bnin Malti għal ġol-buqari u sjunijiet ta' dawk ir-raħħala li kienu jistennew mimlija ferħ. Din kienet waħda mill-ħafna għemejjel ta' karità magħmula mill-Bali' Fra Ġwann Battista Spinola li fuqu kienu jgħidu tajjeb in-nies tar-raħal għal bosta snin wara.

L-arblu tar-razza ta' l-irġiel tad-Dar ta 'Spinola spiċċa mal-mewt ta' Duminku Spinola, nisel il-Markiż Franġisku Napuljun Spinola.

J. S.

## INTENZJONIJIET TAL-PAPA GHAL MEJJU

i) sabiex il-liturġija tnissel influwenza dejjem akbar fuq il-ħajja tal-fidili.

ii) sabiex is-segwaċi ta' l-Induwiżmu jagħarfu lil Ġesù Kristu bħala l-Feddej tal-ġenerazzjoni umana.

## L-EŻERĊIZZI U L-FESTI GHADDEW

Matul ix-xahar l-ieħor rajna għadd kbir ta' nies jattendu għall-Eżerċizzi tar-Randan u għall-festi sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira. Kellna predikaturi tajbin li taw pjaċir lil kulħadd, u funzjonijiet mill-isbaħ. Ma nħallux dan iż-żmien jgħaddi mingħajr ma jħalli ebda sinjal fil-ħajja ta' ruħna. Inżommu r-riżoluzzjonijiet li ħadna u nagħmlu ħilitna biex ngħixuhom. Il-ħajja nisranija m'hijiex biss għal żmien ir-Randan u għall-Ġimgħa l-Kbira, imma għas-sena kollha.

## NIRRINGRAZZJAW

Nirringrazzjaw lil dawn il-parruċċani tagħna li tawna xi offerti għal *Leħen il-Parroċċa:* Mr. Maurice Degiorgio (The Gardens) £2, 10s; Mr. Galea (The Gardens) £2. 10; Mr. Edgar Cassar (Lapsi Street) £2. 10s; Miss M. Spiteri (Lapsi Street) 10/-.

## RUŻARJU FIT-TOROQ MATUL MEJJU

Bħal snin oħra, din is-sena wkoll matul Mejju kollu, li huwa x-xahar tal-Madonna, kull filgħaxija ser ingħidu r-Rużarju fil-beraħ f'partijiet differenti tal-parroċċa. L-ispazju ma jippermettilniex li nġibu l-postijiet kollha fejn ser ingħidu r-Rużarju, iżda l-membri tal-Għaqdiet jiġu javżawkom qabel meta jkun imiss ħdejkom. Nitolbukom tikkooperaw ma' din l-inizjattiva.

## JEFFREY SCHEMBRI

Fis-6 ta' April siefer għal Catania, fejn ser jingħaqad mas-Sależjani, Jeffrey Schembri ta' 16-il sena, li kien wieħed mill-abbatini tagħna u membru wkoll tal-Pueri Cantores. Jeffrey kellu x'jaqsam ħafna anki ma' dan il-foljett, billi kien id-distributur tiegħu. Waqt li nirringrazzjawh tax-xogħol li għamel fil-parroċċa tagħna, nawgurawlu suċċess fl-istudji tiegħu u perseveranza fil-vokazzjoni saċerdotali tiegħu.

## MULEJ, AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

2. 4. 65 John Grech (62 sena), ta' 166, B'kara Road.
13. 4. 65 Charles Southernwood (42 sena) ta' New Side Street.
13. 4. 65 John Zahra (57 sena), ta' 159, Main Street.
17. 4. 65 Antonio Borg (73 sena), ta' 10, Mensija Road.

## NIFIRĦU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

20. 3. 65 Noel Azzopardi mill-Gżira ma' Helen Sammut minn S. Ġiljan.

## DISTRIBUTUR ĠDID TA' "LEHEN IL-PARROĊĊA"

It-tqassim ta' dan il-foljett minn din il-ħarġa sejjer ikun f'idejn Marcel Scicluna.

## IL-ĦIN TAL-QUDDIES FILGĦAXIJA

Il-Quddiesa ta' filgħaxija nhar ta' xogħol tkun fis-7.00 p.m.; nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati tkun dejjem fis-6.30 p.m.

## QUDDIESA FILGĦAXIJA FIL-KNISJA TAL-KUNĊIZZJONI

Kuljum, barra nhar ta' Ħadd, qed ikun hemm quddiesa fis-7.00 p.m. fil-Kunċizzjoni. Din saret flok il-quddiesa ta' filgħodu.

"EMPIRE PRESS"